# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 7**

**Rikors numru 480/2007AGV**

**Sonia Azzopardi f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem ta' bintha Raisa Azzopardi u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2017 l-istess Sonia Azzopardi rrivertiet għal kunjom xbubitha cioe` 'Lughermo'**

**v.**

**Jesmond Azzopardi**

**Firda personali u divorzju.**

1. L-attriċi ħarrket lill-konvenut għas-separazzjoni (rikors ġuramentat preżentat fis-7 ta' Diċembru, 2007), u l-konvenut ressaq rikonvenzjoni. Qabel il-kawża tħalliet għas-sentenza, l-attriċi talbet għall-pronunzjament ta' divorzju.

2. B'sentenza tat-30 ta' Jannar, 2019 il-Qorti Ċivili – Sezzjoni Familja iddikjarat il-ħall ta' żwieġ bejn il-kontendenti bi ħtijiet imputabbli unikament lill-konvenut minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi, moħqrija u nġurji gravi.[1] Il-Qorti ddeċidiet ukoll:

> "1. It-tieni talba giet irtirata stante illi llum bint il-partijiet hija maggorenni;
>
> "2. It-tielet talba giet irtirata ukoll stante illi llum bint il-partijiet m'ghadhiex tistudja;
>
> "3. Tichad ir-raba' talba;
>
> "4. Tilqa' l-hames talba u tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48,51 u 53 tal-Kodici Civili in toto;
>
> "5. Tilqa' s-sitt talba, tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti u tillikwidaha fis-segwenti mod:-
>
> "(a) Id-dar matrimonjali 21/1, Triq l-Gharghar,1979, Qormi ghandha tinbiegh fis-suq miftuh bi prezz mhux inqas minn dak stabbilit mill-Perit nominat bir-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet, wara li titnaqqas is-somma ta' Lm5900 (ekwivalenti ghal €13,747) minn sehem l-intimat bhala kreditu parafernali tar-rikorrenti u minn l-istess sehem ghandha titnaqqas ukoll is-somma ta' terz mill-ammont ta' kera mhallsa mir-rikorrenti bejn il-perjodu 2008 u 2013 u cioe' €8,163;
>
> "Il-Qorti qiegħda tinnomina lin-Nutar Dottor Ian Spiteri sabiex jippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dr. Victor Bugeja u l-Prokuratur legali Melissa Anastasi sabiex jidher fuq l-istess att fl-eventwali kontumaċja tal-konvenut. Illi jekk il-post ma jinbiegħx fis-suq miftuħ fi żmien tmintax-il xahar mill-preżenti, kull parti tkun tista' titlob li-bejgħ tiegħu b'liċitazzjoni;
>
> "(b) Il-kontijiet bankarji msemmija aktar 'l fuq ghandhom jinzammu mill-partijiet rispettivament skond lil min jghajjtu;
>
> "Il-vettura Citroen C2 bin-numru ta' registrazzjoni SON 750 ghandha tigi assenjata lir-rikorrenti u l-intimat ghandu

[1] Dan wara li t-talba għall-firda personali ġiet konvertita għal waħda ta' divorzju skont l-artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili.

jirrifondi lura s-somma ta' ta' €4,184.5 lir-rikorrenti, pero' l-istess rikorrenti tibqa' responsabbli ghal kwalsiasi pendenzi li jezistu fuq l-istess vettura.

"(c) Tinnomina lil Dr. Victor Bugeja u PL Melissa Anastasi sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja tal-intimat fuq l-att tal-qasma u assenjazzjoni;

"6. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni ta' din it-talba stante li ordnat li d-dar matrimonjali tinbiegh.

"7. Tichad it-tieni talba rikonvenzjonali;

"8. Tichad it-tielet talba rikonvenzjonali;

"9. Dwar ir-raba' u l-hames talba rikonvenzjonali dawn gew decizi fit-talba tar-rikorrenti;

"10.Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tas-sitt u s-seba talba rikonvenzjonali stante illi llum bint il-partijiet hija maggorenni;

"11.Tichad it-tmien talba rikonvenzjonali.

"12.Tordna li r-rikorrenti tigi awtorizzata tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe "E."

"L-ispejjeż kollha ghandhom jigu ssopportati mill-intimat."

**<u>Responsabbilta'</u>**.

3. Bl-ewwel aggravju l-konvenut jilmenta li l-attriċi ilmentat li waqt iż-żwieġ kellha relazzjoni ma' ċertu Ian Scerri, meta t-tifla kellha tliet snin. Il-minuri twieldet fis-sena 1994 u għalhekk fl-1997 għalqet tliet snin.

4. Hemm l-ammissjoni tal-attriċi stess li f'okkazjoni waħda kellha relazzjoni intima mal-imsemmija persuna (ara kontro-eżami fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2018). Għalhekk l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta fis-sentenza qalet li ma jirriżultax li sar kontro-eżami lill-attriċi. Żball li seħħ

għaliex it-traskrizzjoni m'hijiex fl-atti. L-attriċi ma kkontestatx li t-traskrizzjoni li l-konvenut ippreżenta mar-rikors tal-appell hi fil-fatt kopja vera.

5. Li konjuġi jkun kiser l-obbligu tal-fedelta' m'huwiex tajjeb. Pero' lanqas m'għandu jwassal awtomatikament għal dikjarazzjoni li ż-żwieġ tkisser tort il-konjuġi li kkommetta l-adulterju. Kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-provi li jkollha quddiemha.

6. Għalkemm il-Qorti m'hijiex tiġġustifika r-relazzjoni li l-attriċi kellha ma' Scerri, f'dan il-każ iż-żwieġ ma tkissirx minħabba dik ir-relazzjoni qasira li tidher li ġrat fi żmien meta l-konjuġi kienu għaddejjin minn żmien ħażin. Biżżejjed jissemma kif bejn it-8 ta' Settembru, 1997 u s-27 ta' Diċembru, 1997 l-attriċi kellha ssib rifuġju ġewwa Dar Merħba Bik, Balzan. Hekk ukoll mill-fedina penali jirriżulta li kien hemm inċidenti oħra ta' theddid lill-attriċi (ara fol. 63 *et sequens*).

7. Iż-żwieġ tkisser minħabba snin ta' vjolenza domestika tal-konvenut fil-konfront ta' martu. Mir-raġunament tal-konvenut hu ovvju li għadu fi stat ta' *denial*, u hekk ser jibqa'. F'dan ir-rigward fit-tweġiba ġuramentata l-konvenut iddikjara li, *".... jirrispinġi bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet kif dedotti mill-attriċi ċjoe' illi huwa kien uża xi tip ta' sevizzi, minaċċi, inġurji*

*gravi li jammontaw għal xi tip ta' vjolenza domestika jew fastidji stante qatt ma seħħew".* L-ewwel Qorti għamlet apprezzament dettaljat, korrett u ġust tal-provi li kellha quddiemha. Fir-rikors tal-appell il-konvenut ma qal xejn li jista' jikkonvinċi lil din il-Qorti ta' reviżjoni li l-ewwel Qorti kienet manifestament żbaljata fl-apprezzament tal-provi, u li minflok hu kien biss vittma. Il-provi juru biċ-ċar li l-attriċi kienet ilha s-snin issofri vjolenza domestika. M'hemm xejn li jista' jiġġustifika l-vjolenza domestika irrispettivament minn min jitwettaq.

8. Il-proposta tal-konvenut - li l-ħtija għandha għallinqas tinqasam bejniethom - ma tagħmel l-ebda sens fiċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami. Kien l-aġir abbużiv tiegħu matul is-snin li wassal għat-tifrik taż-żwieġ.

9. Hu fatt li l-attriċi kellha tarbija barra miż-żwieġ. Fil-fatt b'sentenza tal-14 ta' Lulju, 2011 il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja iddikjarat li l-minuri Kian Azzopardi li twieled fit-18 ta' Ġunju, 2008 hu iben Robin George Galbraith u mhux tal-konvenut. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-konvenut, l-attriċi ħarġet tqila meta ż-żwieġ kien diġa` tkisser tort tal-aġir tal-konvenut. Il-konvenut m'għamilx riferenza għall-provi li għandhom jikkonvinċu lil din il-Qorti li l-attriċi bdiet ir-relazzjoni ma' Galbraith meta kienet għadha tgħammar mal-konvenut. Dik il-persuna stess xehdet li r-relazzjoni tiegħu mal-attriċi bdiet wara li kienet telqet mill-fond fejn kienet tgħix ma' żewġha. Xehed li wasal Malta fit-18 ta' Settembru, 2006 meta

allura l-attriċi kienet diġa` telqet mid-dar wara li seħħ l-inċident tas-26 ta' Awissu, 2006.

10. Il-fatt li meta l-attriċi ippreżentat il-kawża (7 ta' Diċembru, 2007) kienet tqila, ma jfissirx li r-relazzjoni ma' Galbraith kienet diġa` bdiet fiż-żmien meta il-partijiet kienu għadhom igħixu flimkien. Saħansitra jirriżulta li fl-4 ta' Settembru, 2006 l-attriċi ppreżentat ittra li biha talbet li jibdew il-proċeduri ta' medjazzjoni. Dan wara li fis-26 ta' Awissu, 2006 inqala' inċident ieħor u l-attriċi telqet mill-fond matrimonjali flimkien mat-tifla tagħha. Inċident li dwaru ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-konvenut. Fil-fatt b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Settembru 2006, il-konvenut instab ħati li fis-26 ta' Awissu, 2006 hedded lill-attriċi b'sikkina. Il-konvenut ammetta l-imputazzjoni.

11. Tant ma kienx hemm tama ta' rikonċiljazzjoni li b'digriet tad-19 ta' Ottubru, 2006 il-qorti għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b'kawża ta' separazzjoni. Perjodu li fih l-attriċi għamlet diversi rapporti lill-pulizija, kif jirriżulta mill-kopja tar-rapport tal-pulizija li jinsabu fl-atti. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li qalet, *"m'hemm xejn konkret li jwassal dina l-Qorti biex tiddeċiedi li r-rikorrenti kkommettiet adulterju"* ma' Galbraith fi żmien li kienet għadha tgħix ma żewġha.

**<u>Kera li ħallset l-attriċi għall-kiri ta' appartament fejn marret tgħix ftit xhur wara li telqet mill-fond matrimonjali.</u>**

12. L-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tmint elef mija u tlieta u sittin ewro (€8,163) li hu terz tal-kera li ħallset l-attriċi għall-perjodu li ma kinitx qiegħda tgħix fid-dar. Wara li taqra r-rapporti li l-attriċi għamlet mal-pulizija u s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-Qorti tikkonkludi li l-attriċi kienet altru milli ġustifikata li titlaq mid-dar matrimonjali. Hu veru li l-attriċi kellha l-jedd titlob li l-konvenut jiġi żgumbrat mid-dar matrimonjali. Madankollu l-fatt li ma talbitx m'għandux jippreġudikaha.

13. L-attriċi għamlet sew meta fittxet is-sigurta` tagħha u ta' bintha Raisa, u telqet mill-fond matrimonjali wara l-inċident li seħħ f'Awwissu 2006. Kemm is-sitwazzjoni kienet prekarja jirriżulta wkoll minn inċidenti oħra li ta lok għalihom il-konvenut matul dik l-istess sena u l-2007, fejn f'iktar minn okkażjoni waħda hedded ukoll lil martu bil-mewt. Ittieħdu wkoll proċeduri kriminali kontrih u instab ħati (ara sentenzi a fol. 71 *et sequens*). Għalkemm l-attriċi ħarġet mill-fond matrimonjali, il-konvenut baqa' jaqla' l-inkwiet, isegwi l-passi tagħha u jhedded.

14. Saħansitra jirriżulta li l-konvenut kien biddel is-serratura tal-bieb ta' barra, u fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2009 il-Qorti ordnatlu sabiex jagħti kopja lill-attriċi li qalet li qatt ma irċeviet.

15. Għalkemm il-konvenut argumenta li meta l-attriċi kriet il-fond kienet diġa` f'relazzjoni ma' Galbraith, jibqa' l-fatt li bl-atteġġament vjolenti tal-attur ma setgħetx tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali. Fil-fatt l-attriċi kienet telqet mid-dar matrimonjali żmien qabel bdiet tikri l-fond fejn marret tgħix.

**<u>Vettura Citroen SON 750.</u>**

16. Il-vettura Citroen C2 inxtrat fiż-żwieġ. L-ewwel Qorti kkonkludiet li b'kollox l-attriċi ħallset is-somma ta' €8,369.19. Il-Qorti assenjat il-vettura lill-attriċi u kkundannat lill-konvenut iħallasha s-somma ta' €4,184.50;

> *Wiehed jifhem li l-intimat jaghmel premessa li jekk il-vettura Citroen C2 bin-numru ta' registrazzjoni SON 750, li qiegħda f'ismu tigi assenjata lill-intimata, tidhol responsabbli ghal diversi spejjeż relatati mac-citazzjonijiet, pero' li mhux gustifikabbli huwa l-fatt li fuq bazi ta' probabbilita' l-intimat ivvendika ruhu mill-vettura Hyundai u issa jippretendi li jiehu sehemhu mill-vettura Citroen C2, meta kienet l-istess rikorrenti li stinkat sabiex tkompli thallas il-bilanc li kien ghadu dovut. In vista ta' dan ikun opportun li l-vettura Citroen C2 SON 750 tigi assenjata lir-rikorrenti u l-intimat ghandu jhallas lura nofs l-ammont imhallsa mir-rikorrenti fil-mori tal-proceduri u cioe' s-somma ta' €4,184.5, pero' tibqa' responsabbli ghal kwalsiasi pendenzi li jezistu fuq l-istess vettura.*

17. Il-konvenut ilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkundannah iħallas is-somma ta' €4,184.50 meħud in konsiderazzjoni li żbaljat meta qalet li probabbilment kien *'ivvendika'* ruħu mill-vettura Hyundai. Isostni li m'hemm l-ebda prova li kien ħaraq il-vettura u ma kellux ikun ikundannat iħallas dik is-somma lill-attriċi; *"Jekk xejn, l-ordni kellha tkun li tiġi assenjata l-karozza lill-attriċi u daqshekk"*.

18. Fil-15 ta' Novembru, 2010 l-attriċi tat stqarrija fejn qalet li l-konvenut kien ċempel lil missierha biex igħidlu li l-Hyundai kienet ġiet *garaged*, *"... u issa serquwilu u ħarquwilu u qallu li ġew tal-Forensika u qalulu biex ineħħiha għax kienet żgombru. Qallu fejn qegħda imma missieri ma jafx"*.

19. Għal din il-Qorti m'huwiex ċar x'sar mill-vettura Hyundai. Li hu ċert hu li l-Hyundai kienet fil-pussess tal-konvenut filwaqt li s-Citroen tintuża mill-attriċi. Żewġ vetturi li għaddew is-snin minn fuqhom u għalhekk il-valur tagħhom illum il-ġurnata hu minimu. Il-Qorti ma ssib l-ebda ġustifikazzjoni għalfejn l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €4,184.5 li qalet li *"hu nofs l-ammont imħallsa mir-rikorrenti fil-mori tal-proċeduri"*. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li fid-dokument a fol. 988, l-attriċi ddikjarat li wara li telqet mill-fond matrimonjali, ħallset is-somma ta' €2,966. Jibqa' l-fatt li l-vetturi kienu tal-komunjoni tal-akkwisti u tħallsu bi flus tal-istess. M'hemmx provi li

jwaqqgħu dik il-presunzjoni. Jekk l-attriċi kellha tingħata xi flus bħala sehemha mill-vettura Hyundai, l-istess għandu jingħata l-konvenut. Is-soluzzjoni hi waħda. Il-vettura Citroen tiġi assenjata lill-attriċi. Vettura li l-Qorti fehmet li minn meta nxtrat kienet tintuża mill-attriċi. X'ġara mill-Hyundai hi responsabbilta' tal-konvenut, għaliex kienet fil-pussess tiegħu. Ħadd mill-partijiet m'għandu jedd jirċievi mingħand il-parti l-oħra xi flus fir-rigward tal-istess vetturi.

**<u>Ħatra ta' kuratur sabiex jidher għall-konvenut f'każ li jibqa' kontumaċi fir-rigward tal-bejgħ tad-dar matrimonjali.</u>**

20. Il-konvenut ilmenta li fis-sentenza l-ewwel Qorti ma nkarigatx kuratur sabiex jidher għall-attriċi f'każ li tibqa' kontumaċi meta jinbiegħ il-fond 21/1, Triq l-Għargħar 1979, Qormi.

21. Fis-sentenza l-ewwel Qorti ordnat li d-dar matrimonjali tinbiegħ bil-prezz ta' €138,000 (€125,000 għad-dar u l-bilanċ għall-għamara u mobbli oħra) u nkarigat lin-nutar Dr Ian Spiteri sabiex jippubblika l-att relattiv u lill-avukat Dr Victor Bugeja u Prokuratur Legali Melissa Anastasi sabiex jidhru f'każ li l-konvenut jibqa' kontumaċi. Kompliet, *"Illi jekk il-post ma jinbiegħx fis-suq miftuħ fi żmien tmintax-il xahar mill-preżenti, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tiegħu b'liċitazzjoni"*.

22. Ma kienx hemm bżonn aggravju dwar dan. Waqt l-eżekuzzjoni ta' sentenza, l-ewwel Qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li jidhru li hemm bżonn. Dan fuq talba ta' kwalsiasi parti. Għalhekk l-aggravju kien inutli.

**<u>Spejjeż ġudizzjarji</u>**.

23. Il-konvenut isostni li, kkunsidrat it-tort imputabbli lilll-attriċi, ma kellux ikun ordnat jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

24. Il-Qorti diġa` spjegat li taqbel mal-ewwel Qorti li l-konvenut għandu l-ħtija għall-firda bejn il-kontendenti. Għaldaqstant, l-ispejjeż ġudizzjarji huma kollha a karigu tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet tiddeċiedi l-appell billi:-

1. Tiċħad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames u s-sitt aggravji.

2. Tilqa' sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq l-aggravju tal-appellat dwar is-somma ta' erbat elef mija u erbgha u tmenin ewro u ħamsin ċenteżmu (€4,184.50) li l-ewwel Qorti kkundannatu jħallas lill-attriċi b'riferenza għall-vettura Citroen. Tħassar dik il-parti tas-sentenza tat-30 ta' Jannar 2019 li biha l-konvenut kien

kundannat iħallas lura lill-attriċi s-somma ta' €4,184.50 u tiddikjara li dak l-ammont m'huwiex dovut.

3. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

4. Il-perjodu ta' sitt xhur stabbilit mill-ewwel Qorti għall-bejgħ tad-dar matrimonjali jiddekorri mil-lum.

5. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal wieħed minn disgħa (1/9) a karigu tal-attriċi u tmienja minn disgħa (8/9) a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr